MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2249/2003

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Joseph Debono**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltin (Lm347.00) rapprezentanti danni kagunati f'sellun tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ENE 064 propjeta' tal-korporazzjoni attrici, liema danni gew kawzati l-Qawra fit-18 ta' Dicembru 2001.

Bl-iapejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju 2003 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u bil-konvenut ingunt ghas-subizjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltin (Lm347.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------